

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1821****tat-8 ta' Awwissu 2019****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex it-trab tal-bajd ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tiegħu****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva trab tal-bajd, sa fejn din tikkostitwixxi ikel jew għalf maħsuba għall-użu bħala ikel jew għalf li jintużaw bħala sustanzi li jbiegħdu (repellents) u dawk li jattiraw (attractants) tat-tip ta' prodott 19, li kienet tibbenefika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 <sup>(2)</sup>.
- (2) Ġiet ippreżentata notifika skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 <sup>(3)</sup> għal trab tal-bajd għall-prodott tat-tip 19 li jibbenefika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") iddikjarat li n-notifika hija konformi u infurmat lill-Kummissjoni dwar il-konformità skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, it-trab tal-bajd ġie inkluż għat-tip ta' prodott 19 fil-lista ta' taħlitiet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali <sup>(4)</sup>.
- (3) Fil-31 ta' Jannar 2017 il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija għal opinjoni dwar jekk it-trab tal-bajd jagħtix lok għal tħassib skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (4) L-opinjoni tal-Aġenzija <sup>(5)</sup> kkonkludiet li t-trab tal-bajd ma jagħtix lok għal tħassib u għalhekk huwa eliġibbli għall-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (5) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija, huwa xieraq li t-trab tal-bajd jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li t-trab tal-bajd huwa ta' oriġini naturali, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kategorija 4 "Sustanzi ta' oriġini naturali użati tradizzjonalment". Jenħtieġ li t-trab tal-bajd jiġi inkluż f'dak l-Anness biss sakemm jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "ikel" jew "għalf" imsemmija fil-punt (u) tal-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament. Dan huwa konsistenti mal-fatt li t-trab tal-bajd ma bbenefikax mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 sakemm ma kienx jikkonsisti minn ikel jew minn għalf.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/157 tas-6 ta' Novembru 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 1).

<sup>(5)</sup> Biocidal Products Committee (BPC) Opinion of 14 December 2017 on the eligibility of certain food and feed active substances for inclusion into Annex I to the BPR. [Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) tal-14 ta' Diċembru 2017 dwar l-eliġibbiltà ta' ċerti sustanzi attivi fl-ikel u fl-għalf għall-inklużjoni fl-Anness I tal-BPR], ECHA/BPC/186/2017.

- (6) L-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fih miżuri tranżizzjonali fejn sustanza attiva eżistenti inkluża fil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku ta' sustanzi attivi eżistenti tiġi approvata f'konformità ma' dak ir-Regolament. Fir-rigward tat-trab tal-bajd għall-prodotti tat-tip 19, id-data tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala dik tal-1 ta' Ġunju 2021, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jitressqu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-data tal-approvazzjoni tat-trab tal-bajd għall-prodotti tat-tip 19 hija l-1 ta' Ġunju 2021.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 4 tal-lista tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), tizzied l-entrata li ġejja:

Numru KE	Isem/Grupp	Restrizzjoni	Kumment
"Mhux disponibbli	Trab tal-bajd (*)	Minbarra t-trab tal-bajd li mhuwiex ikel jew ġhalf.	

(\*) Id-data tal-approvazzjoni tat-trab tal-bajd għall-prodotti tat-tip 19 għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) hija l-1 ta' Ġunju 2021.